

# iċ-Ċimiterju Lhudi *fil-Kalkara*

**Daħla**
Probabbilment, l-ewwel ċimiterju Lhudi li nibet fil-gżejjer Maltin huwa dak li jinsab ħdejn ir-Rabat, datat fi żmien ir-Rumani. Dan jixhed l-eżistenza ta' numru sabiħ ta' Lhud fil-Gżejjer Maltin iżda sfortunatament ma nafu xejn iktar fuqu.

L-ewwel dokumentazjoni magħrufa li ssemmi ċimiterju Lhudi hija datata fl-1372, meta ir-Re Federiku III ta biċċa art f'Tabia lill-*Universitate Judeorum* jiġifieri lill-komunità Lhudija għall-użu ta' ċimiterju. Huwa ċert li is-sit taċ-Ċimiterju Lhudi medjevali kien ġie identifikat fin-naħat ta' 'Għariexem', ħdejn l-Imtarfa, u li kien ukoll imsemmi 'Qbur il-Lhud', jew il-midfen tal-Lhud.

Hemmhekk stess instabet lapida li issa qeda fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani fir-Rabat bil-kliem:

*'Dan huwa (il-qabar ta')*
*is-Sinjura Rak(ela), miżżewġa lil*
*Yeshu'a il-...*
*...j'Alla ruħha issib il-milja tal-ħajja!'*

**Iċ-Ċimiterju fil-Kalkara**
Iċ-Ċimiterju tal-Kalkara huwa l-eqdem ċimiterju Lhudi li baqa' sħiħ f'Malta. Matul l-Assedju il-Kbir, il-Kalkara kienet tifforma parti mil-linja ta' quddiem waqt il-battalji u huwa maħsub li wara ġiet użata l-istess art bħala ċimiterju tal-Musulmani. Din baqet art miftuħa sas-seklu dsatax.

Id-daħla taċ-ċimiterju tinsab fl-aħħar parti ta' Triq ir-Rnella, fejn it-triq iddur għall-Knisja Parrokkjali u x-Xatt. Il-post huwa madwar 30 pied b'40 pied imdawwar bi djar u fuq quddiem b'ħajt bħala lqugħ.

L-għoli tiegħu, madwar 8 piedi mil-livell tat-triq, jixhed li l-art talpost ġiet alterata, probabbilment waqt fażi ta' kostruzzjoni oħra fiċ-ċimiterju. L-entratura preżenti, bieb dejjaq ta' l-injam, b'turġien għoljin u dejqin mad-dawra, kienu kontemporanji ma' dawn l-alterazzjonijiet.

L-oriġini ta' dan iċ-ċimiterju huma miktubin f'iskrizzjoni bil-Latin fuq il-bieb stess:

*RECONDENDIS*
*GENTIS SUAE EXUVIIS*
*HEBRHAEORUM MANICIPIORUM*
*REDEMPTO LIBURNIENSIS*
*COEMETERIOM HOC*
*AERE PROPRIO*
*COMPARAVIT ANNO MDCCLXXXIV*

Li bil-Malti tfisser: Dan iċ-ċimiterju ġie stabbilit fl-1784 mill-Fondazzjoni Leghorn għar-riskatt ta' skjavi Lhud, għas-spejjeż ta' hekk, għad-dfin tal-mejtin ta' din ir-razza.

Id-daqs oriġinali ta' dan iċ-ċimiterju kien ikbar iżda in-nies mingħajr skruplu li kienu joqgħodu ħdejn iċ-ċimiterju fis-snin l-imgħoddija irreduċew id-daqs imsemmi iktar 'il fuq. Fl-1905, il-Profs. Gotthard Deutsch għamel viżta lil dan iċ-ċimiterju waqt iż-żmien qasir li kien f'Malta. Huwa ma rnexxilux jikseb iċ-ċavetta għall-'bieb imsaddad tal-ħadid', iżda tela' fuq sellum li kien iwassal sa bejt minn fejn huwa ra 'post żgħir', madwar 40 b'60 pied (li illum jiġu 30 b' 40 pied li tikkorrispondi eżattament ma' bitħa jew ġnien ta' residenza ġonġenti).

Iċ-ċimiterju li ra kien 'mimli b'ħaxix ħażin, mingħajr l-iżgħar traċċa ta' xi lapida jew skrizzjoni mal-ħitan ta' madwaru.' 20 sena wara, Cecil Roth akkwista il-qari li kien jinqara fuq 'bieb magħluq bil-ġebel' fi *Strada Rinella, Calcara* mingħand Sir Hannibal Scicluna. Apparentament, ħadd minnhom ma nduna li wara dan il-bieb kien hemm ċimiterju.

Hemm ukoll kopja tal-awtorizazzjoni kontemporanja għaċ-ċimiterju tal-Kavallieri priservata ma' pjan tiegħu fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta:

**L-ewwel ġurnata ta' Marzu 1784**
L-eċċellenza tiegħu il-Gran Mastru, fl-applikazzjoni ta' Agostino Formosa de Fremeaux, aġent mill-Fondazzjoni Leghorn, ħalla lill-istess aġent is-sit u l-awtorità għall-kostruzzjoni ta' ċimiterju għad-dfin ta' Lhud li mietu fid-dominju tiegħu,




fuq l-imsejjah Xatt tas-Salvatur jew ix-Xatt tal-Ingliżi, biex jikkonforma mal-pjanta mehmuża, 6 qasab (li jiġu 4 piedi u 3 pulzieri) tul u 5 qasab u 5 t'ixbar (li jiġu 37 piedi u 10 pulzieri) wisa', u bħal ma huwa immarkat fuq dan il-pjan bl-ittri A:A:B:B; li jiġu mingħajr l-ebda preġudizzju lejn l-istess drittijiet tal-Fondazzjoni fis-sit ikbar indikat fuq l-istess pjanta bl-ittri G.G = G.D.=D:A=A:E = E:F= jekk l-imsemmija Fondazzjoni tipprova li l-kustodja tas-sit ġiet miksuba fil-passat.

*Dr.Samuel Caruana*
Avukat fiskali tal-qorti għolja tal-Kastellanija.

**Il-Pjan Miżjud ma' l-Awtorizzazjoni**
Minn ħajt sa ħajt, hemm kejl ta' 40 pied u 6 pulzieri mill-Lvant għall-Punent, ikkumparati mal-41 piedi u 3 pulzieri stipulati (mal-ħitan) għal A: A. Il-bażi tal-ħajt tat-Tramuntana u l-irkejjen tiegħu huma maqtugħin fil-ġebel u huma probabbilment l-oriġinali. Il-linja tal-ħajt tan-Nofsinhar hija dik tat-triq u jista' jkun li reġgħat ġiet impenġija fiż-żmien li ġie mpoġġi. Dan jista' jfisser id-differenza ta' madwar 7 piedi bejn it-Tramuntana u Nofsinhar tas-sit preżenti (30 pied u 6 pulzieri minn ħajt sa ħajt) u B:B ( 37 piedi u 10 puzlieri).

It-telgħa murija fis-settur rappreżentattiv tal-pjanta jaqbel mal-għoli tal-art lejn it-Tramuntana, u l-entratura oriġinali jista jkun li kienet fil-Punent, f' dawk li illum huma 118 u 119 fi Triq ir-Rnella. Jekk il-mogħdija murija ġiet mpoġġija, minn dakinhar l-hawn din ġiet imneħħija minn postha ħabba l-oqbra.

Fdalijiet fir-rokna li tinsab fil-Punent-Tramuntana jistgħu ikunu id-

*Il-pjanta li ġiet mehmuża mal-awtorizazzjoni tal-1784.*

dar 'Tahara' (li kienet tintuża biex jiġu ppreparati il-katavri għad-dfin) murija fid-disinn, jew inkella qabar doppju.

Illum il-ġurnata, dan iċ-ċimiterju fih 12-il qabar identifikabbli, erbgħa li huma possibilment oqbra, lapida mitlufa ta' xi qabar u żewġ frammenti tal-ġebel. Seba' lapidi u framment huma kolla miktubin b'iskrizzjonijiet Lhudin.

**Dettalji ta' xi oqbra**
Isem: De Silva Hanna Sa'a
Sena tal-Mewt: 1820
Età: 44 sena
Rimarki: Mietet waqt ħlas ta' tarbija.

Isem: L (?) Judah
Sena tal-Mewt: Bejn l-1820 u l-1825

Isem: Benady Menahem
Sena tal-Mewt: 1825
Età: 70
Rimarki: Kien membru attiv u prominenti fil-komunità.

Isem: Abeases Rika
Sena tal-Mewt: 1831
Età: 22
Rimarki: Mara żagħżugħa, miżżewġa fil-familja ta' Moses Abeases.

Isem: Lucena Jacob
Sena tal-Mewt: 1831
Rimarki: Probabbilment minn Ragusa (Sqallija).

Isem: Abea(si)s Rebecca
Sena tal-Mewt: 1831
Rimarki: Tifla probabbilment mill-istess familja ta' Rika

Isem: Sarfati Rafael Elisier
Sena tal-Mewt: 1833
Rimarki: Probabbilment ir-raġel ta'



**Joseph Grech**

Żgħażugħ ta' 15-il sena, jattendi l-iskola San Alwiġi ta' Birkirkara. Għalkemm jgħix Ħal Qormi, ġej minn familja Kalkariża dellettanta ferm tal-festa titulari. Preżentement jifforma parti bħala membru fil-Kummissjoni Żgħażagħ Sagra Familja u fl-Għaqda tal-Armar.





*Żewġ ritratti li ttieħdu xi snin ilu tal-oqbra li jinsabu f'dan iċ-ċimiterju. Ir-ritratti ttieħdu minn żewġ angoli differenti.*

Rachel Sarfati nee' Cortissos. Huma żżewġu fis-Sinagoga ta' Bevis Marks, Londra fl-1802. Rachel mietet fl-1863.

Isem: Fano
Sena tal-Mewt: 1834

Xi ftit tas-snin ilu, il-faċċata ta' dan iċ-ċimiterju ġiet restawrata bl-inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Huwa wisq għaqli li nieħdu ħsieb nippreservaw dawn il-postijiet storiċi uniċi f'Malta li jinsabu f'raħalna.